**Parlament Ewropew**

2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

# P9_TA(2020)0014

## Is-seduti ta' smigħ li għaddejjin skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE rigward il-Polonja u l-Ungerija

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija (2020/2513(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[1],

– wara li kkunsidra l-proposta motivata tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE rigward l-istat tad-dritt fil-Polonja: proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja (COM(2017)0835),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2019 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-edukazzjoni sesswali fil-Polonja[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi żoni mingħajr LGBTI[4],

[1] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.
[2] ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.
[3] Testi adottati, P9_TA(2019)0058.
[4] Testi adottati, P9_TA(2019)0101.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2017[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-4 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri[3],

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-modalitajiet standard għas-seduti ta' smigħ imsemmija fl-Artikolu 7(1) tat-TUE approvati mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2019,

– wara li kkunsidra l-adozzjoni, fl-20 ta' Diċembru 2019, ta' abbozz ta' liġi mis-Sejm Pollakk, li introduċa sett ta' emendi għall-Att dwar il-Qrati Komuni, l-Att dwar il-Qorti Suprema u ċerti atti oħra; wara li kkunsidra t-talba tas-Senat Pollakk lill-Kummissjoni ta' Venezja biex toħroġ opinjoni urġenti dwar dan l-abbozz ta' liġi,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif rifless fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif minqux fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi dawk il-valuri, li huma komuni għall-Istati Membri u li għalihom l-Istati Membri kollha ssottoskrivew liberament, jikkostitwixxu l-pedament tad-drittijiet li jgawdu dawk li jgħixu fl-Unjoni;

B. billi kwalunkwe riskju ċar ta' ksur serju min-naħa ta' Stat Membru tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE ma jikkonċernax biss lill-Istat Membru individwali fejn ikun hemm ir-riskju iżda għandu impatt ukoll fuq l-Istati Membri l-oħra, fuq il-fiduċja reċiproka ta' bejniethom, u fuq in-natura nnifsha tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha skont id-dritt tal-Unjoni;

C. billi l-Artikolu 7(1) tat-TUE jikkostitwixxi fażi preventiva li tagħti lill-Unjoni l-kapaċità li tintervjeni fil-każ ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri komuni; billi tali azzjoni preventiva tipprevedi djalogu mal-Istat Membru kkonċernat u għandha l-għan li tevita s-sanzjonijiet possibbli;

D. billi l-Artikolu 7(1) tat-TUE ġie skattat mill-Kummissjoni u l-Parlament fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija, rispettivament, wara d-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni;

E. billi s'issa l-Kunsill organizza tliet seduti ta' smigħ tal-Polonja u żewġ seduti ta' smigħ

1 Testi adottati, P8_TA(2019)0032.
2 ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.
3 Testi adottati, P8_TA(2019)0349.

tal-Ungerija fi ħdan il-qafas tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali;

F. billi fil-11 ta' Diċembru 2019 il-Presidenza Finlandiża talbet spjegazzjoni bil-miktub dwar allegat ksur minn uffiċjal pubbliku mid-delegazzjoni Ungeriża skont l-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill dwar il-kunfidenzjalità tal-laqgħat;

1. Jieħu nota tas-seduti ta' smigħ organizzati mill-Kunsill skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE b'reazzjoni għat-theddidiet għall-valuri komuni Ewropej fil-Polonja u l-Ungerija; jinnota bi tħassib li s-seduti ta' smigħ ma jiġux organizzati b'mod regolari, strutturat u miftuħ; iħeġġeġ lill-Presidenza Kroata u lill-presidenzi l-oħra li jmiss biex jorganizzaw is-seduti ta' smigħ b'mod regolari; jenfasizza li s-seduti ta' smigħ iridu jkunu oġġettivi, ibbażati fuq il-fatti u trasparenti, u li l-Istati Membri kkonċernati jridu jikkooperaw in bona fide matul il-proċess kollu skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-TUE; jirrakkomanda li l-Kunsill jindirizza rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri inkwistjoni, kif minqux fl-Artikolu 7(1) tat-TUE, bħala segwitu għas-seduti ta' smigħ, u jindika skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; jirrimarka li l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri tista' tiġi restawrata biss meta jiġi żgurat ir-rispett għall-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u jistieden lill-Kunsill biex jaġixxi f'dik id-direzzjoni; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw il-preminenza tad-dritt tal-UE;

2. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu li l-modalitajiet standard għas-seduti ta' smigħ imsemmija fl-Artikolu 7(1) tat-TUE ma jiżgurawx l-istess trattament għall-Parlament bħal dak għall-Kummissjoni u terz tal-Istati Membri għall-finijiet tal-preżentazzjoni tal-proposta motivata; ifakkar li l-Artikolu 7(1) tat-TUE jipprevedi drittijiet u status proċedurali ugwali għal terz tal-Istati Membri, għall-Parlament u għall-Kummissjoni fir-rigward tal-iskattar tal-proċedura; jilqa' l-isforzi tal-Presidenza Finlandiża biex tidħol fi djalogu informali mal-Parlament, u jemmen li d-djalogu informali ma jistax jissostitwixxi l-preżentazzjoni formali tal-proposta motivata fil-Kunsill; jinsisti li l-istedina tal-Parlament għal laqgħa formali tal-Kunsill għadha pendenti fuq il-bażi tad-dritt ta' inizjattiva u l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet li nsibu fl-Artikolu 4(3) tat-TUE; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex iżomm lill-Parlament infurmat fil-pront u bis-sħiħ f'kull stadju tal-proċedura;

3. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu li s-seduti ta' smigħ għadhom ma wasslux għal progress sinifikanti miż-żewġ Stati Membri inkwistjoni biex jiġu rimedjati r-riskji ċari ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE; jinnota bi tħassib li r-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni u ta' korpi internazzjonali, bħalma huma n-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa, jindikaw li s-sitwazzjoni kemm fil-Polonja kif ukoll fl-Ungerija ddeterjorat minn meta skatta l-Artikolu 7(1) tat-TUE; jirrimarka li n-nuqqas min-naħa tal-Kunsill li jagħmel użu effettiv mill-Artikolu 7 tat-TUE qed ikompli jdgħajjef l-integrità tal-valuri komuni Ewropej, il-fiduċja reċiproka u l-kredibilità tal-Unjoni kollha kemm hi; itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tattiva l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Polonja u dwar il-proposta tiegħu stess fejn jitlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni; jistieden lill-Kunsill, għalhekk, biex jiżgura li s-seduti ta' smigħ skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE jindirizzaw ukoll l-iżviluppi l-ġodda u jivvalutaw ir-riskji ta' ksur tal-indipendenza tal-ġudikatura, tal-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà tal-midja, tal-libertà tal-arti u tax-xjenzi, tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tad-dritt għal trattament

ugwali; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-għodod disponibbli biex tindirizza riskju ċar ta' ksur serju min-naħa tal-Polonja u tal-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, b'mod partikolari proċeduri ta' ksur sommarja u applikazzjonijiet għal miżuri interim quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

4. Jinnota li l-proposta motivata tal-Kummissjoni rigward l-istat tad-dritt fil-Polonja għandha kamp ta' applikazzjoni limitat; jistieden lill-Kunsill jeżamina kif għandhom jiġu indirizzati l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fil-Polonja fil-kuntest tas-seduti ta' smigħ attwali tiegħu;

5. Huwa tal-fehma li l-aħħar żviluppi fis-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE għal darb'oħra jenfasizzaw il-ħtieġa imminenti ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif propost mill-Parlament, fil-forma ta' patt interistituzzjonali li jkun jikkonsisti minn rieżami annwali indipendenti, ibbażat fuq l-evidenza u mhux diskriminatorju, li jivvaluta, fuq bażi ugwali, il-konformità tal-Istati Membri kollha tal-UE mal-valuri stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u li jkun akkumpanjat minn rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u segwit minn dibattitu interparlamentari, u ċiklu ta' politika permanenti dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-istituzzjonijiet tal-UE; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jidħlu mingħajr dewmien f'negozjati mal-Parlament dwar il-ftehim interistituzzjonali b'konformità mal-Artikolu 295 tat-TFUE; itenni li l-mekkaniżmu jrid jikkomplementa u jsaħħaħ, u mhux jissostitwixxi, il-proċedimenti li għaddejjin u dawk futuri skont l-Artikolu 7 tat-TUE;

6. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, u jistieden lill-Kunsill jibda negozjati interistituzzjonali mill-aktar fis possibbli;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Presidenti, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Polonja u tal-Ungerija, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.